# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Marzu, 2001.**

**Numru 22**

**Citaz. Nru. 267/01GV**

**Michael Debono Limited**

**vs**

**Emmanuel u Diane konjugi Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti huma debituri lejn is-socjeta' attrici fis-somma ta' elf u hames mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm1,562) import ta' sett ta' tnax (12) il-kambjala li skadew (Dok. PF1 - 12) rapprezentanti ammont bilancjali dovut lis-socjeta' attrici ghal prezz tal-vettura numru ta' registrazzjoni EAH-581 mibjugha lill-konvenuti;

Premess illi minkejja li gew interpellati sabiex ihallsu l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tghaddi biex tiddecidi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ elf u hames mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm1,562) kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta’ Qbid numru 353/01NS u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull skadenza tal-kambjali relattivi, kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Rat in-nota tallum fejn is-socjeta’ attrici rrinunzjat ghas-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, u zammet ferm il-kap tal-ispejjez;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici; Ezaminat l-atti tal-kawza; Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba ghall-imghax u ghall-ispejjez tirrizulta pruvata; Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-ispejjez u ghall-imghax, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**